



2023/2530

24.11.2023

DEĊIŻJONI (UE) 2023/2530 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-28 ta' Settembru 2023

dwar id-delega tas-setgħa li jiġu adottati deċiżjonijiet biex ma ssirx oġġezzjoni għall-miżuri makroprudenzjali maħsuba tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew tal-awtoritajiet nazzjonali nnominati (BĊE/2023/24)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽¹⁾, u b' mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali ddenominati (Regolament Qafas MSU) (BĊE/2014/17) ⁽²⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 101 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) huwa responsabbli għall-funzjonament effettiv u konsistenti tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u ġie fdat b'kompiti kemm mikro kif ukoll makroprudenzjali. L-għoti ta' kompiti makroprudenzjali jsaħħaħ ir-rwol kontributorju tal-BĊE għall-istabbiltà finanzjarja diġà sanċita fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (2) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK) u l-awtoritajiet nazzjonali nnominati (ANN) huma responsabbli għall-iffissar ta' rati ta' riżerva għal istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (G-SIIs) u istituzzjonijiet sistemikament importanti oħra (O-SIIs).
- (3) Skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, l-ANK jew l-ANN tal-Istati Membri parteċipanti, kull meta jkun xieraq jew meqjus meħtieġ, japplikaw rekwiżiti għal riżervi ta' kapital li għandhom jinżammu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-livell rilevanti bl-għan li jiġu indirizzati r-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u l-Artikolu 104 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014, l-ANK jew l-ANN jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom lill-BĊE li japplikaw miżuri makroprudenzjali għaxart ijiem ta' xogħol qabel ma jieħdu tali deċiżjoni (notifika ta' 'miżuri makroprudenzjali maħsuba'). Malli jirċievi n-notifika, is-Segretarju tal-Bord Superviżorju jittrażmetti l-miżuri makroprudenzjali maħsuba lill-Kunsill Governattiv u lill-Bord Superviżorju mingħajr dewmien. Fuq proposta mħejjija mill-Bord Superviżorju, ibbażata fuq l-inizjattiva intiża u b'kont meħud tal-kontribut tal-kumitat rilevanti u l-istruttura interna tal-BĊE, il-Kunsill Governattiv jiddeċiedi fi żmien tlett ijiem ta' xogħol jekk iqajjimx oġġezzjonijiet jew le. Meta l-Kunsill Governattiv joġġezzjona għall-miżuri makroprudenzjali maħsuba, huwa jispjega r-raġunijiet tiegħu bil-miktub lill-ANK jew lill-ANN fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol min-notifika lill-BĊE. L-ANK jew l-ANN jikkunsidraw ir-raġunijiet tal-BĊE qabel ma jipproċedu bid-deċiżjoni finali, kif xieraq.
- (5) Il-BĊE huwa meħtieġ jivvaluta għadd sostanzjali ta' miżuri makroprudenzjali maħsuba ppreżentati mill-ANK jew mill-ANN, inklużi dawk li jstabbilixxu riżervi O-SII u G-SII. Dawk il-valutazzjonijiet spiss jeħtieġ li jitwettqu f'perijodu ta' żmien qasir ħafna. Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, huwa xieraq li tiġi prevista d-delega tas-setgħa għall-adozzjoni ta' ċerti deċiżjonijiet fi ħdan il-BĊE. B' mod partikolari, is-setgħa li jiġu adottati deċiżjonijiet biex ma ssirx oġġezzjoni għal miżuri makroprudenzjali ppreżentati mill-ANK jew mill-ANN jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-kaprijiet tal-unitajiet ta' ħidma tal-BĊE. Banek jew istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (G-SIBs-G-SIIs) huma banek jew istituzzjonijiet li jitqiesu li ma jitħallewx ifallu minħabba d-daqs, l-interkonnnettività,

⁽¹⁾ ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

⁽²⁾ ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1.

il-kumplessità, in-nuqqas ta' sostitwibbiltà jew l-ambitu globali tagħhom. Minħabba r-riperkussjonijiet transġurisdizzjonali potenzjali ta' problema fi kwalunkwe wieħed mill-G-SIBs-G-SIIs fuq istituzzjonijiet finanzjarji oħra f'hafta pajjiżi u fuq l-ekonomija globali b'mod ġenerali, din mhijiex problema unika għall-ANK jew għall-ANN, u għalhekk teħtieġ armonizzazzjoni fil-livell globali li hija riflessa fi ftehim globali milħuq mill-membri tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja u l-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja li l-eżitu tiegħu huwa ppubblikat mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja. Il-komunità globali qed tindirizza dawn il-kwistjonijiet permezz ta' approċċ multidimensjonali.

- (6) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rrikonossiet li d-delega ta' awtorità hija meħtieġa u xierqa biex tippermetti lil istituzzjoni li tkun meħtieġa tadotta numru konsiderevoli ta' deċiżjonijiet biex twettaq dmirijietha. Is-setgħat mogħtija lil istituzzjoni jinkludu d-dritt li tiddelega, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE, ċertu numru minn dawk is-setgħat, soġġett għal kwalunkwe kundizzjoni speċifikata mill-istituzzjoni. Istituzzjoni tal-Unjoni tista' għalhekk tistabbilixxi miżuri ta' natura organizzattiva, li jiddelegaw is-setgħa li jittieħdu deċiżjonijiet lill-korpi jew persuni interni tagħha sa fejn tali miżuri jkunu ġustifikati u jirrispettaw il-prinċipju ta' proporzjonalità. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, id-delega tas-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandha tkun kemm limitata kif ukoll proporzjonata, u l-kamp ta' applikazzjoni tad-delega għandu jkun definit b'mod ċar u soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati mill-istituzzjoni.
- (7) Fl-24 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jstabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u Българска народна банка (Bank Nazzjonali tal-Bulgarija) ⁽³⁾. Għall-finijiet ta' kooperazzjoni mill-qrib, id-deċiżjoni li ma ssirx oġġezzjoni għal miżuri makroprudenzjali maħsuba li jikkonċernaw ir-Repubblika tal-Bulgarija ser tiġi adottata wkoll skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Deċiżjoni.
- (8) Meta l-kriterji għall-adozzjoni ta' deċiżjoni delegata ma jintlaħqux, għandhom jiġu adottati deċiżjonijiet skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u l-Artikolu 13h tad-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽⁴⁾,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) 'miżuri makroprudenzjali maħsuba' tfisser il-miżuri li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK) u l-awtoritajiet nazzjonali nnominati (ANN) beħsiebhom japplikaw biex jirrikjedu lill-banek iżommu ir-riżervi ta' O-SII jew G-SII, skont l-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, kif formalment notifikati lill-BĊE għal deċiżjoni dwar jekk joġġezzjonax jew le;
- (2) 'riżerva ta' O-SII' tfisser il-fondi proprji li huma meħtieġa li jinżammu konformement mal-Artikolu 131(5) tad-Direttiva 2013/36/UE;
- (3) 'riżerva ta' G-SII' tfisser il-fondi proprji li huma meħtieġa li jinżammu konformement mal-Artikolu 131(4) tad-Direttiva 2013/36/UE;
- (4) 'valutazzjoni teknika tal-BĊE' tfisser il-valutazzjoni teknika indipendenti mwettqa mill-BĊE li jeżerċita ġudizzju dwar ir-rati xierqa tar-riżerva ta' kapital;

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2020/1015 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Българска народна банка (Bank Nazzjonali tal-Bulgarija) (BĊE/2020/30) (ĠU L 224 I, 13.7.2020, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 33).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

- (5) 'limitu minimu tal-BĊE' tfisser l-aħħar verżjoni applikabbli tal-metodoloġija minima tal-BĊE għall-valutazzjoni tar-riżervi ta' O-SII kif adottata mill-Kunsill Governattiv u bbażata fuq il-punteġġ ta' importanza sistemika tal-banek, li talloka lil kull bank għal waħda minn diversi kategoriji ta' importanza sistemika ("buckets") fejn kull bucket ikun assoċjat ma' riżerva ta' O-SII speċifiċi li jenħtieġ li jitqiesu bħala limitu minimu;
- (6) 'sensittività' jew 'sensittiv' tfisser karatteristika jew fattur li jista' jkollu impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-BĊE u/jew fuq il-funzjonament effettiv u konsistenti tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, inkluż iżda mhux limitat għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: (a) tħassib sostanzjali espress fil-kumitat rilevanti u l-istruttura interna rilevanti fid-deliberazzjonijiet tagħhom mhux inklużi fil-valutazzjoni teknika tal-BĊE; (b) miżuri makroprudenzjali maħsuba li jistgħu jattiraw midja jew attenzjoni pubblika negattiva.

Artikolu 2

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tispjefika l-kriterji għad-delega tas-setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet lill-kapijiet tal-unitajiet ta' ħidma tal-BĊE għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li ma joġġezjonawx għal miżuri makroprudenzjali maħsuba.
2. Id-delega tas-setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni teknika tal-BĊE mwettqa għall-finijiet tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li ma joġġezjonawx għall-miżuri makroprudenzjali maħsuba msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 3

Delega tas-setgħa li jiġu adottati deċiżjonijiet biex ma ssirx oġġezzjoni għal miżuri makroprudenzjali maħsuba

1. Il-Kunsill Governattiv b'dan jiddelega s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet biex ma joġġezjonax għal miżuri makroprudenzjali maħsuba lill-kapijiet tal-unitajiet ta' ħidma nnominati mill-Bord Eżekuttiv.
2. Id-deċiżjonijiet li ma jkunx hemm oġġezzjoni għall-miżuri makroprudenzjali maħsuba msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati permezz ta' deċiżjoni ddelegata meta l-kriterji għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet delegati stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, kif rilevanti, jiġu ssodisfatti.
3. Id-deċiżjoni li ma ssirx oġġezzjoni għall-miżuri makroprudenzjali maħsuba msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tiġi adottata permezz ta' deċiżjoni delegata fejn il-kumplessità tal-valutazzjoni teknika tal-BĊE jew is-sensittività tal-miżuri tirrikjedi li d-deċiżjoni tiġi adottata skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u l-Artikolu 13h tad-Deċiżjoni BĊE/2004/2.
4. Fejn kwalunkwe membru tal-kumitat rilevanti jew tal-istruttura interna tal-BĊE jesprimi tħassib dwar is-sustanza tal-miżuri makroprudenzjali maħsuba msemmija fil-paragrafu 1 filwaqt li jiġi kkonsultat dwar abbozz ta' deċiżjoni ddelegata, il-kriterji tal-Artikoli 4 u 5, kif ikun rilevanti, għandhom jitqiesu li ma ġewx issodisfatti u/jew il-miżuri għandhom jitqiesu bħala sensitivi skont it-tifsira tal-Artikolu 1, punt 6, ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Kriterji għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet delegati biex ma ssirx oġġezzjoni għal miżuri makroprudenzjali maħsuba għal riżerva ta' O-SII

Id-deċiżjonijiet li ma ssirx oġġezzjoni għal miżuri makroprudenzjali maħsuba għall-istabbiliment ta' riżerva ta' O-SII għandhom jiġu adottati f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 3, fejn jiġu ssodisfatti l-kriterji kollha li ġejjin:

- (a) dawk il-miżuri makroprudenzjali maħsuba japplikaw l-aħħar metodoloġija għad-determinazzjoni tal-limitu minimu tal-BĊE;

- (b) il-valutazzjoni teknika tal-BĊE ta' dawk il-miżuri ma tqajjem l-ebda tħassib fir-rigward ta' dan li ġej:
- (i) il-metodoloġija użata mill-ANK jew mill-ANN;
 - (ii) il-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi li jixprunaw l-istabbiliment ta' riżervi ta' O-SII;
 - (iii) l-identifikazzjoni tal-O-SIIs;
- (c) il-valutazzjoni teknika tal-BĊE ma tikkonkludix li l-BĊE għandu joġġezzjona għal dawk il-miżuri makroprudenzjali maħsuba.

Artikolu 5

Kriterji għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet delegati biex ma ssirx oġġezzjoni għal miżuri makroprudenzjali maħsuba għal riżerva ta' G-SII

Id-deċiżjonijiet li ma ssirx oġġezzjoni għal miżuri makroprudenzjali maħsuba għall-istabbiliment ta' riżerva ta' G-SII għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 2, fejn dawk il-miżuri makroprudenzjali maħsuba mill-ANK jew l-ANN dwar ir-rati ta' riżerva ta' G-SII jkunu konformi mal-Valutazzjoni annwali tal-BĊE tal-G-SIBs-G-SIIs taż-Żona tal-MSU u mal-ftehim globali milħuq mill-membri tal-Kumitat ta' Basel għas-Superviżjoni Bankarja u l-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja.

Artikolu 6

Reġistrazzjoni ta' u rappurtar dwar approvazzjonijiet delegati ta' deċiżjonijiet biex ma jkunx hemm oġġezzjoni għal miżuri makroprudenzjali maħsuba

1. Is-Segretarjat tal-Bord Superviżorju għandu jżomm rekord ta' kwalunkwe deċiżjoni ddelegata meħuda skont din id-Deċiżjoni u għandu jinforma lis-Segretarjat tal-Kunsill Governattiv dwar kull tali deċiżjoni fuq bażi ta' kull xahar.
2. Is-Segretarjat tal-Kunsill Governattiv għandu jippreżenta rapport trimestrali dwar l-eżerċizzju tas-setgħat delegati ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-miżuri makroprudenzjali maħsuba lill-Kunsill Governattiv u lill-Bord Superviżorju.

Artikolu 7

Dispożizzjoni tranżitorja

Din id-Deċiżjoni m' għandhiex tapplika fejn miżuri makroprudenzjali maħsuba jkunu ġew notifikati lill-BĊE qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Ufficiali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-28 ta' Settembru 2023.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE